Kunsill Lokali Żejtun
'Dar iż-Żwieten', 28, Triq Sant' Anġlu, Żejtun ZTN1369
Tel: 21 66 38 66 fax: 21 66 39 39 e-mail: zejtun.lc@gov.mt website: www.zejtunlocalcouncil.com

ŻEJTUN
Città Beland
Frott iż-Żebbuġ Ismi

| | | |
|---|---|---|
| **Seduta** | 11/13 | tas-seba' Kunsill Lokali elett Marzu 2013 |
| **Data** | 03/10/2013 fis-6.15pm | |
| **Post** | Sala Mikiel Cachia, 'Dar iż-Żwieten', Kunsill Lokali, 28 Triq Sant' Anġlu, Żejtun | |

| **Attendenza** | | |
|---|---|---|
| | Sindku Joe Attard | Preżenti |
| | Viċi Sindku Maria Dolores Abela | Preżenti |
| | Amanda Abela | Preżenti |
| | Joan Agius | Preżenti |
| | Claude Camilleri | Preżenti sad-8.45pm |
| | Raymond Caruana | Preżenti |
| | Sean Chircop | Preżenti |
| | Stephania Fenech | Skużata minħabba safar |
| | Joseph Hales | Preżenti mis-6.20pm |

| **Preżenti wkoll** | |
|---|---|
| | Segretarju Eżekuttiv Anton Falzon |
| | Assistent Prinċipal Caroline Schembri |

**11. 1.** **Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**

| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|
| 11. 1. 1 | | Proponent: Viċi-Sindku<br>Sekondant: Abela | **Il-minuti 10/13 inqraw u ġew approvati b'dawn il-korrezzjonijiet:-** | |
| | 10.3.4 | Fl-aħħar tas-sentenza jiżdiedu l-kliem 'fuq proposta tal-Kunsilliera Joan Agius.' | | |
| | 10.3.5 | Tiżdied din is-sentenza: 'Il-Kunsilliera Abela talbet sabiex tkun preżenti għal-laqgħa'. | | |
| | 10.6.15 | Wara 'New Wave Kiosk' jiżdiedu l-kliem 'u Chircop qal li għandha'. | | |
| 11. 1. 2 | | **Wara il-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.** | | |

**11. 2.** **Rapporti mill-Minuti**

| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|
| 11. 2 1 | 10.2.2 | Viċi-Sindku: Assembly Point Żejtun Home | Il-Viċi-Sindku infurmat lill-Kunsill li saret kopja taċ-ċavetta tal-bieb ta' ħdejn il-klabb tal-Boċċi, liema ċavetta ġiet preżentata lis-Segretarju Eżekuttiv u oħra lid-Dar ta' l-Anzjani. | Viċi-Sindku |
| 11. 2 2 | 10.2.10 | Caruana: Trejqiet | Caruana staqsa x'possibilita' hemm li jsir il-wiċċ ta' Trejqet is-Sagħtar filwaqt li Camilleri talab sabiex isir il-wiċċ ta' Triq Gwiedi. Is-Sindku spega li t-trejqiet li fadal isiru fil-Housing Estate ta' Triq San Girgor ser ngħadduhom lil TM filwaqt li qed nistennew li tinħareġ xi skema tal-Gvern Ċentrali għal toroq dojoq quddiem il-Knisja. Dwar pedament li sar fi Trejqet il-Litfija, is-Sindku qal li ser nibgħatu rapport lill-Enforcement Officer sabiex jinżel fuq il-post biex jara dan il-pedament kienx bil-permess. | Sindku |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 11. | 2 | 3 | 10.2.11 | Caruana: Latrina f'Misraħ Repubblika | Caruana staqsa dwar is-sitwazzjoni tal-latrina f'Misraħ ir-Repubblika. Is-Sindku spjega li ser isir kuntatt mal-Kuntrattur sabiex inaddaf iktar ta' spiss. | Hales |
| 11. | 2 | 4 | 10.2.12 | Agius: Kuntrattur Frankie Mifsud | Il-Kunsilliera Agius infurmat lill-Kunsill li l-Kuntrattur Frankie Mifsud għadu ma tħallasx. Għaldaqstant ser inkomplu insegwu l-każ. Is-Sindku talab sabiex naraw x'differenzi hemm fil-kont. | Sindku Agius |
| 11. | 2 | 5 | 10.2.13 | Camilleri: Żebgħa tat-traffiku | Il-Kunsillier Camilleri staqsa liema toroq ser isiru biż-żebgħa fiż-żona ta' Triq Falkunier. Is-Sindku spejga li ser issir żona sħiħa. | Sindku |
| 11. | 2 | 6 | 10.3.2 | Viċi-Sindku: Live streaming | Il-Viċi-Sindku staqsiet jekk ħarigx l-avviż għall-equipment tal-live streaming. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li dan l-avviż ser joħroġ il-ġimgħa d-dieħla. Miegħu ser joħrog ukoll l-avviż għal tiżjin tat-toroq fi żmien il-Milied. | Segretarjat |
| 11. | 2 | 7 | 10.3.4 | Viċi-Sindku: Nominazzjoni Anzjan tas-Sena | Il-Viċi-Sindku nfurmat lill-Kunsill li l-applikazzjoni ta' nominazzjoni għall-anzjan tas-sena saret hekk kif ġie deċiż fil-laqgħa li għaddiet u daħlet ukoll fil-ħin. | Viċi-Sindku |
| 11. | 2 | 8 | 10.3.7 | Camilleri: Patching Triq Pres. A. Buttiġieġ | Camilleri ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li għalkemm sar extended patching fi Triq Pres. A. Buttiġieġ minn TM, ma sarx patching lejn il-Ġnien tal-Kmandant. Is-Sindku qal li parti oħra f'nofs din it-triq tħalliet barra. Għaldaqstant inġibdet l-attenzjoni tal-Perit ta' TM u kif ukoll qed issir pressjoni biex issir Triq l-Arċipriet Degabriele. | Sindku |
| 11. | 2 | 9 | 10.3.9 | Agius: Stedina Wirt iż-Żejtun | Il-Kunsilliera Agius irrapurtat lill-Kunsill li hi flimkien mal-kunsillier Chircop attendew għall-ftuħ tal-wirja minn Wirt iż-Żejtun ġewwa l-fergħa ta' l-HSBC Żejtun. | |
| 11. | 2 | 10 | 10.3.10 | Chircop: Visit Malta | Il-Kunsillier Chircop informa lill-Kunsill li s-Sindku għamel kuntatt mal-Ministeru tat-Turiżmu iżda ma ċemplux lura u l-laqgħa li kellha issir tħassret. | Chircop |
| 11. | 2 | 11 | 10.6.10 | Caruana: Dog Litter Bins | Il-Kunsillier Caruana staqsa meta ser jitwaħħlu d-dog litter bins. Is-Sindku qal li dawn ser jitwaħħlu fil-jiem li ġejjin ħdejn l-iskejjel. | Sindku |
| 11. | 2 | 12 | 10.6.11 | Chircop: Heritage routes | Il-Kunsillier Chircop informa lill-Kunsill li l-heritage routes ta' Triq Bisqallin u Ħal Bisbut ġew diskussi mas-Sindku u tpoġġew fuq il-website. | Chircop |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 11. | 2 | 13 | 10.6.17 | Viċi-Sindku: Żbir ta' siġar fi Vjal 25 ta' Novembru | Il-Viċi-Sindku staqsiet fhiex wasalna sabiex isir iż-żbir tas-siġar fi Vjal 25 ta' Novembru. Is-Sindku spjega li ser issir applikazzjoni quddiem il-MEPA. | Segretarjat |
| 11. | 2 | 14 | 10.6.18 | Caruana: Arriva | Caruana staqsa meta ser isiru r-rotot li ġew diskussi fil-laqgħa li għaddiet Is-Sindku spjega li dawn ser isiru meta jiżdiedu l-karozzi. Dwar il-bus shelter, il-Kunsill qabel li għandu jikteb lill-TM sabiex isir wieħed fi Vjal 25 ta' Novembru viċin HSBC u jinbidlu dawk eżistenti għal dawk ġodda. Il-Kunsill innota wkoll li l-ħġieġa tal-bus shelter f'Misraħ Carlo Diacono għadha mkissra. Is-Segretarju spejga li din ġiet ordnata. | Hales |
| 11. | 2 | 15 | 10.6.23 | Viċi-Sindku: Rapport ta' attivitajiet | Il-Viċi-Sindku rrapurtat l-attivita li saret għall-anzjani nhar it-18 ta' Settembru, li kellha attendenza tajba ħafna u kif ukoll irrapurtat iż-żjara tagħha lill-anzjani f'St. Vincent de Paule fl-okkażjoni ta' Jum l-Anzjan nhar l-1 ta' Ottubru. | Viċi-Sindku |
| 11. | 2 | 16 | 10.6.24 | Abela: Skips Triq Marrubja | Il-Kunsilliera Abela staqsiet jekk intbagħtitx l-ittra lir-residenti dwar it-tneħħija ta' skips minn Triq Marrubja. Is-Sindku wieġeb fin-negattiv. | Hales |
| 11. | 2 | 17 | 10.6.25 | Viċi-Sindku: Tneħħija ta' reserved parkings | Il-Viċi-Sindku infurmat lill-Kunsill li minn lista ta' 4 reserved parkings biex jitneħħew, TM tat il-kunsens tagħha sabiex tinteħħa oħra. B'hekk fadal tnejn oħra għall-approvazzjoni. | Viċi-Sindku |
| 11. | 2 | 18 | 10.6.25i | Viċi-Sindku: Adjudicating Board | Il-Viċi-Sindku staqsiet jekk ġiex iċċekkjat il-ħin tal-ftuħ tat-tenders jew kwotazzjonijiet. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li l-ħin ta' l-10.00am kienet prassi li ġiet adottata mill-Kunsill Lokali Żejtun. Min jitfa tender għandu dritt jattendi u għalhekk l-aħjar li jibdew jinfetħu wara nofsinhar. | Segretarjat |

**11. 3. Korrispondenza**

Il-Kunsill ikkonsidra l-korrispondenza li rċieva kif inkluża fir-rendikont ML11/13. B'riferenza għal:

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 11. 3. 1 | 03 | MEPA: Skedar | Is-Sindku talab sabiex tintbagħat ittra ta' ringrazzjament dwar l-iskedar ta' razzett bla numru fi Triq Bugħarbiel u ieħor fi Triq Wied il-Għajn k/m Triq il-Qadi. | Sindku |
| 11. 3. 2 | 07 | WSC: Toroq PPP Batch 2 | Is-Sindku spjega li din l-ittra tal-Korporazzjoni Servizzi ta' l-Ilma diġa' ġiet imwieġba. | Sindku |
| 11. 3. 3 | 08 | Sedqa: Seminar - Prevenzjoni Abbużi | Is-Sindku inkariga lill-kunsilliera Agius sabiex issegwi din il-korrispondenza. | Agius |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 11. 3. 4 | 10 | E.Psaila: Rimborz għal danni | Il-Kunsill innota li l-post kif indikat minn Psaila ma jaqax taħt il-konfini taż-Żejtun. Il-Kunsillier Hales qal li xhur ilu karozza laqtet arblu u l-boundary sign fi Triq Bormla. **Il-Kunsill qabel li għandu jikteb lill-Pulizija biex jara kienx hemm rapport dwar dan l-inċident.** | Segretarjat |
| 11. 3. 5 | 11 | WasteServ: European Week for Waste Reduction | Is-Sindku inkariga lill-Kunsilliera Fenech issegwi din il-korrispondenza. | Fenech |
| 11. 3. 6 | 13 | GPD: Leasing Ġnien iż-Żgħożija | Is-Sindku informa lill-Kunsill li għada għandu laqgħa sabiex jiġi ffinalizżat il-ftehim tal-leasing ta' Ġnien iż-Żgħożija. | Sindku |
| 11. 3. 7 | | Camilleri: Korsijiet tal-Kompjuter | **Il-Kunsill qabel li għandu jorganizza korsijiet tal-kompjuter għall-adulti flimkien ma' TCTC.** Il-Kunsill mhu ser iħallas xejn iżda ser jagħmel tajjeb għall-ispejjeż ta' printing u distribution ta' 3,500 flyer. Kien hemm qbil unanimu sabiex fuq il-flyer ma jkunx indikat li hu B'XEJN iżda ikun imnizżel ċar li ser isir ħlas ta' Eur10 għan-noti u min jirreġistra għat-tieni kors ikun bi ħlas b'komunikazzjoni diretta ma' TCTC. | Camilleri |
| 11. 3. 8 | | Għaqda Mużikali Beland: Ilment dwar Żejt iż-Żejtun | Filwaqt li l-Kunsill innota l-ittra ta' l-Għaqda Mużikali Beland, is-Sindku flimkien mal-Kunsilliera Agius spjegaw x'ġara il-Ħadd il-għodu u ma jidhrilhomx li kien hemm tfixkil wara li kien qed jiġi esegwit il-programm ta' l-Għaqda Mużikali Beland peress li s-sound tbaxxa. Dwar il-maratona li saret minn Fondazzjoni Nazzaret fuq programm televiżiv, is-Sindku spjega li l-preżentazzjoni ta' flus li saret kienet minnu u mill-Kunsilliera Agius u saret minn ġabra fl-Għaqda Banda Żejtun u mhux f'isem il-Kunsill Lokali. Ġiet preżentata irċevuta. Il-Kunsill innota li ma saritx stedina lill-Kunsill mill-Fondazzjoni Nazzarett. | |
| 11. 3. 9 | | Hales: Responsabiltajiet | L-ittra tal-Kunsillier Joe Hales qed tiġi rtirata u ddikjara li ser jibqa' jieħu ħsieb ir-responsabbiltajiet kif mogħoddija lilu mis-Sindku. | |

**11. 4. Ħlasijiet**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 11. 4. 1 | | Tabella tal-Ħlasijiet 10/13 | **Il-Kunsill approva nem.com li jħallas għas-servizzi kuntrattwali skond ir-rakkomandazzjoni tar-rappreżentant tal-Kunsill.** | Segretarjat |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 11. 4. 2 | | Tabella tal-Ħlasijiet 10/13 | **Il-Kunsill approva nem.com il-ħlas tal-kontijiet l-oħra skond kif jidher fit-tabella tal-ħlasijiet 10/13 bil-verifiki meħtieġa kif indikat fuq l-istess tabella.** | Segretarjat |
| | 12 | Il-Kunsill qabel li jżomm il-kont ta' Andrew Grech sabiex issir verifika. | | |
| 11. 4. 3 | | Talbiet għal Xiri 10/13 | **Il-Kunsill approva nem.com il-lista ta' ordnijiet għal xiri ta' xogħlijiet, oġġetti jew servizzi.** | Segretarjat |
| 11. 4. 4 | | Petty Cash - Settembru 2013 | **Il-Kunsill approva nem.con il-petty cash li ntefaq f'Settembru 2013 hekk kif preżentat li kien jammonta għal €95.19.** | Segretarjat |

**11. 5.** **Bankina fejn il-Kappella ta' San Klement**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 11. 5. 1 | | Sindku: Rapport | **Il-Kunsill qabel li ssir tiswija fuq il-bankina fejn il-Kappella ta' San Klement u jinqalgħu l-għeruq li qed jagħmlu ħsara.** | Hales |

**11. 6.** **Mozzjonijiet, Xiri u Xogħlijiet**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 11. 6. 1 | | Ġie innutat li għal din il-laqgħa ma kienx hemm mozzjonijiet. | | |

**11. 6.** **Affarijiet Oħra hekk meqjusa urġenti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 11. 6. 1 | | Camilleri: Ħajt imwaqqgħa fi Triq Bormla | Il-Kunsillier Camilleri talab sabiex jittella' l-ħajt li twaqqa' meta kienet qed issir Triq Bormla. Is-Sindku spjega li naraw x'inhi r-responsabbilta' tal-Kunsill. | Sindku |
| 11. 6. 2 | | Caruana: Siġra meta fejn San Girgor | Il-Kunsillier Caruana ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill dwar siġra mejta fejn San Girgor. Is-Sindku spjega li ser issir spezzjoni on site. | Sindku<br>Hales |
| 11. 6. 3 | | Hales: Żejt iż-Żejtun | Hales talab sabiex għas-snin li ġejjin jiġi ikkunsidrat li jitħalla passaġġ aktar wiesgħa bejn il-każin tal-Partit Laburista u wara l-knisja u kif ukoll ikun hemm preżenza ta' fire extinguisher fejn ikun hemm it-tiben. Is-sena d-dieħla ser tingħata attenzjoni għall-prezzijiet tal-~~kiosks~~. Il-Kunsilliera Agius irringrazzjat lis-Sindku,lill-Kunsilliera Camilleri, Caruana u Chircop, kif ukoll lis-sotto kumitat u lill-missier il-Kunsillier Chircop għall-appoġġ u s-sehem li taw waqt l-attivita'. Hija rringrazzat ukoll lill-pulizija u liż-Żwieten. | Sindku<br>Agius |
| 11. 6. 4 | | Sindku: Superintendent ġdid | Is-Sindku informa lill-Kunsill li ż-Żejtun għandu is-Superintendent ġdid, is-Sur Sandro Gatt. | Agius |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 11. 6. 5 | Sindku: Delimara Power Station | Is-Sindku irraporta l-preżentazzjoni li saret fil-Power Station ta' Delimara. Jidher li l-affarijet qed jimxu bil-għaqal u id f'id. Il-Kunsillier Caruana talab kopja ta' Environmental Impact Assessment li ser issir għall-konsultazzjoni pubblika. | Sindku |
| 11. 6. 6 | Hales: Tabelli tat-toroq | Il-Kunsillier Hales irraporta d-diżastru eżistenti fit-tabelli tat-toroq u tabelli neqsin mar-roundabouts. Is-Sindku talab lill-Kunsillier Hales jiġbor lista ħalli naraw kemm ser tkun in-nefqa. | Hales |
| 11. 6. 7 | Sindku: Vacany mal-Kunsill | Is-Sindku informa lill-Kunsill li beda l-proċess biex tinħareġ sejħa għall-persuna minflok l-impjegat Mark Spiteri. Bħalissa qed nistennew l-approvazzjoni tad-Dipt. Gvern Lokali. Is-Sindku staqsa f'liema notch ta' l-iskala 15 jinsab l-impjegat Godwin Muscat. | Segretarjat |
| 11. 6. 8 | Abela: Press Conference Żejt iż-Żejtun | Il-Kunsilliera Abela staqsiet għaliex l-oppożizzjoni ma kinetx mistiedna għall-press conference ta' Żejt iż-Żejtun. Is-Sindku spjega li l-Onor Herrera kien mistieden peress li għal din l-attivita' ningħataw għajnuna finanzjarja mill-Gvern Ċentrali. | Sindku Agius |
| 11. 6. 9 | Abela: Road Markings | Il-Kunsilliera Abela fakkret sabiex isiru r-road markings fil-misraħ ta' quddiem il-Kindergarten. | Sindku |
| 11. 6. 10 | Abela: Bankina Triq Taltas | Il-Kunsilliera Abela talbet sabiex issir biċċa bankina li ma saritx fi Triq Taltas. Is-Sindku ta spjegazzjoni għaliex din il-biċċa bankina ma saritx. | Sindku |
| 11. 6. 11 | Hales: Pulizija | Hales ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill dwar in-nuqqas ta' preżenza tal-Pulizija fejn l-iskola minn Triq Antonio Micallef. Ġie deċiż li ssir diskussjoni mal-Kap ta l-Iskola dwar tpoġġija ta' bollards fit-triq imsemmija mill-purtinar ta' l-iskola. | Agius |
| 11. 6. 12 | Hales: Playing fields | Is-Sindku spjega li dwar xogħlijiet ta' manutenzjoni fuq il-playing fields, saret talba quddiem il-Gvern Ċentrali. | Hales |
| 11. 6. 13 | Hales: roundabout biż-żebgħa | Hales talab sabiex issir roundabout biż-żebgħa fi Triq Toni Zahra. Is-Sindku spjega li f'dan il-każ iż-żebgha ma ssolvix il-problema tas-sewqan esaġerat. | Sindku |
| 11. 6. 14 | Hales: Triq it-Tuss | Hales informa lill-Kunsill dwar scammels maħmuġin li qed jitħallew bil-lejl fi Triq it-Tuss. Is-Sindku spjega li sar ilment mal-MEPA u kellu jmur l-enforcement officer fuq il-post. | Sindku |
| 11. 6. 15 | Hales: Triq il-Ħotba | Hales ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li Triq il-Ħotba tħalliet maħmuġa waqt Żejt iż-Żejtun. | Hales |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 11. 6. 16 | Chircop: Wirja Filatelija | Il-Kunsillier Chircop irraporta l-wirja filatelika li saret waqt Żejt iż-Żejtun fiċ-Ċentru Arti u Artiġjanat li kienet waħda ta' suċċess tant li n-numru ta' membri ġodda huwa wieħed notevoli. | Chircop |
| 11. 6. 17 | Chircop: Cul de Sac fi Triq Xeħt il-Forom | Il-Kunsillier Chircop ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li l-cul de sac li kellha issir fi Triq Xeħt il-Forom għadha ma saritx. Hales spjega li dawn saru mill-Koptasin iżda ġew żgħar u intbagħtu lura. | Hales |
| 11. 6. 18 | Chircop: Keep Clear Dar ta' l-Anzjani | Chircop ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li l-keep clear quddiem id-Dar ta' l-Anzjani m'għadhux jidher b'konsegwenza li l-coaches qed jitilgħu fuq il-bankina. | Sindku |
| 11. 6. 19 | Chircop: Reklami fil-website | Il-Kunsillier Chircop informa lill-Kunsill li fi ħmistax -il ġurnata daħlu fil-website 7,150 ruħ. Dan għandu jkun indikazzjoni għall-prezz ta' reklamar fil-website. | Chircop |
| 11. 6. 20 | Chircop: Tindif | Il-Kunsill iddiskuta s-servizz ta' tindif li qed isir fil-binjiet tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel li dan is-servizz irid jitjieb. | |
| 11. 6. 21 | Camilleri: Triq Wied il-Għajn | Camilleri ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill dwar tħarbit fi Triq Wied il-Għajn bejn it-tarmak u l-boundary wall. | Sindku |
| 11. 6. 22 | Camilleri: Sleeping policemen | Camilleri talab sabiex titbaxxa is-sleeping policemen li hemm fi Triq San Klement. | Sindku |
| 11. 6. 23 | Camilleri: Boroż ħodor | Il-Kunsillier Camilleri staqsa x'jista' jsir għal min juża iktar minn borża waħda f'ġimgħa. Il-Kunsilliera Agius spjegat li jista' jsir użu minn kaxxi biex fihom jitpoġġa l-iskart. | Agius |
| 11. 6. 24 | Agius: Triq it-Tuss | Il-Kunsilliera Agius talbet sabiex isir il-patching fi Triq it-Tuss. | Sindku |
| 11. 6. 25 | Agius: Attivitajiet | Il-Kunsilliera Agius infurmat lill-Kunsill li fis-16 ta' Ottubru ser issir ħarġa oħra bil-kollaborazzjoni tal-MEUSAC filwaqt li bejn it-18 u l-20 ta' Ottubru ser isir weekend break għall-familja fil-Mellieħa Bay Hotel. | Agius |
| 11. 6. 26 | Caruana: Tindif ta' spralli | Caruana talab sabiex isir it-tindif tal-ispralli ta' Triq San Girgor. Hales spejga li dawn diġa' tnaddfu u qed ifuru għax huma żgħar. | Hales |
| 11. 6. 27 | Viċi-Sindku: | Il-Viċi-Sindku rrapurtat simenta imħarrbta fuq wara tad-Dar ta' l-Anzjani, minn fejn joħorġu bil-mejtin. | Sindku |
| 11. 6. 28 | Viċi-Sindku: Nuqqas ta' dawl fi Triq ir-Ramla | Il-Viċi-Sindku ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill dwar nuqqas ta' dawl fi Triq ir-Ramla. Is-Sindku spjega li diġa' ktibna dwar dan in-nuqqas. | Sindku |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 11. 6. 29 | Viċi-Sindku: Rapport - Laqgħa tas-Sindki | Il-Viċi-Sindku tat rapport tal-laqgħa tas-Sindki li attendiet għaliha fejn il-punti ewlenin li ġew diskussi huma: kontribuzzjoni mill-hawkers tas-swieq fil-beraħ minħabba it-tindif u r-residents parking scheme. | Sindku Viċi-Sindku |
| 11. 6. 30 | Chircop: Isem għal triq ġdida fi Triq Dwiemes | Il-Kunsillier Chircop talab sabiex terġa' titressaq talba quddiem il-Bord ta' l-Ismijiet tal-Toroq dwar triq ġdida fi Triq Dwiemes li ser tissemma għal Karmenu Carabott. Hales informa lill-Kunsill li ser titressaq fil-laqgħa tal-Bord li jmiss. | Hales |
| 11. 6. 31 | Viċi-Sindku: Chat and Dance | Il-Viċi-Sindku ġabet quddiem il-Kunsill programm imħejji minn Carmen Vella u Louiselle Grech bl-isem ta' Chat and Dance għall-anzjani. Peress li għal dan il-programm huma jridu ħlas ta' Eur 500 għal kull grupp ta' għaxar persuni, il-proposta mhix vijabbli. | Viċi-Sindku |
| 11. 6. 32 | Hales: Irħama imkissra tal-millenju | Hales ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill dwar irħama tal-millenju imkissra f'Misraħ Girgor Bonici. Naraw kemm tiswa biex issir waħda ġdida. | Hales |
| 11. 6. 33 | Agius: Preżentazzjoni ta' ċekkijiet | Il-Kunsilliera Agius ippreżentat lill-Kunsill 3 ċekkijiet ta' Eur150 -il wieħed tax-xogħol li għamlet bħala amministratriċi fi tlett blokki. Dawn ser jiġu allokati fil-baġit tas-sotto kumitat tal-familja. | Agius |
| 11. 6. 34 | Sindku: Festin tal-Milied | **Il-Kunsill qabel li l-festin tal-Milied isir nhar il-Ġimgħa 20 ta' Diċembru fis-Sala tal-Juventutis Domus.** Dwar dan ser isir kuntatt mas-Sur Jesmond Ferriggi biex naraw jekk id-data hiex disponibbli. | Segretarjat |
| 11. 6. 35 | Sindku: Laqgħa tal-Kunsill | Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-laqgħa tal-Kunsill li kienet skedata għall-Ħamis 5 ta' Diċembru titressaq għall-Ħamis 19 ta' Diċembru. | Sindku |

Is-Sindku għalaq il-laqgħa fid-9.00pm. Laqgħa oħra tal-Kunsill Lokali ser issir nhar il-Ħamis, 31 ta' Ottubru, 2013 fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali fis-Sala Mikiel Cachia fis-6.00pm

Joe Attard
Sindku

Anton Falzon
Segretarju Eżekuttiv